MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2005

Numru 1008/2004

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Alistair Azzopardi** ta' 20 sena, bin Edwin u Rita nee' Cutajar, imwieled Pieta' nhar l-24 t' April, 1984, residenti f' Flt 4, Blk A6, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Attard u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 227984(M);

Talli fit-18 ta' Novembru, 2004 ghall-habta tas-2.00 p.m ittentajt li tikkometti serq ta' aperturi tal-aluminium minn gewwa l-fond 'Heaven's Lodge' Triq il-Modd, Swieqi a detriment ta' sid mhux maghruf, liema serq ma sehhx minhabba xi haga acidentali u ndipendenti mill-volonta' tal-imputat u dan ai terminu tal-artikolu 41 (a), liema attentat ta' serq huwa aggravat bil-mezz u bil-valur u dan ai termini tal-artikolu 261, 263 u 279 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

Aktar talli fl-istess lok, data u circostanzi hassartu jew gharraqtu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe'

aperturi tal-aluminium minn gewwa l-fond, ‘Heaven’s Lodge’, Triq il-Modd, Swieqi a detriment ta’ sid mhux maghruf teccedi Lm10 izda ma teccediex l-Lm50 u dan ai terminu tal-artikolu 325 (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess lok, data, hin u taht l-istess cirkostanzi bil-hsieb li tikkometti reat ezercitajt dritt li tippretendi li ghandek minghajr il-kunsens tas-sid tal-fond ‘Heaven’s Lodge’, Triq il-Modd, Swieqi, a detriment ta’ sid mhux maghruf  u dan ai terminu tal-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Aktar talli fl-istess lok, data hin u taht l-istess cirkostanzi bi hsara tas-sid jew tad-detentur ghamilt vjolazzjoni kontra l-propjeta’ imsemmija u dan ai terminu tal-artikolu 340 (d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-22 ta’ Novembru, 2005, sabiex dan il-kaz jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja u semghet in-nuqqas t’oggezzjoni tal-imputat ghal din il-procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante l-ammissjoni, l-kawza tirrizulta pruvata;

Wara li rat l-artikoli 41 (a), 261, 263, 279, 325 (c), 85 u 340 (d) tal-Kap 9.

Minflok qed tikkubndannah qed tilleberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum skond l-art. 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------